*KREDITUR*

# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI.

## IMHALLEF.

## ONOR. RAYMOND C. PACE. LL.D.

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 16 ta' Jannar 2001**

**Kawza Numru. 4**
**Citaz. Numru. 331/2000/RCP.**

**Avukat Dottor Kevin F Dingli, fil-kwalita` tieghu bhala Mandatarju specjali ta' Gareth Hughes, u dana bhala Joint Provisional Liquidator tas-socjeta` estera Ocean Marine Mutual Insurance Association Limited, ta' Turks & Caicos Islands, British West Indies**

**vs**

**Dr Vincent Galea u l-PL Hilda Ellul Mercer li b'digriet tat-23 ta' Marzu 2000 gew nominati kuraturi deputati biex**

**jirrappresentaw lill-kumpaniji Marine Petroleum Services Ltd, u Costamar Shipping Co Ltd solidalment bejniethom, kumpaniji registrati hawn Malta.**

**Il-Qorti,**

**I. PRELIMINARI.**

Rat ic-citazzjoni attrici a fol 1 tal-process fejn gie premess:

Illi s-socjeta konvenuta Marine Petroleum Services Ltd. hija l-proprjetarja tal-bastiment merkantili m.v. "ROYAL HAWK", filwaqt illi s-socjeta' konvenuta Costamar Shipping Co. Ltd. hija l-proprjetaria tal-bastiment merkantili m.v. "PHILEAS", liema bastimenti huma registrati fir-Registru tal-Bastimenti Maltin bin-numri ufficjali 4697 u 4355 rispettivament;

Illi l-bastimenti merkantili fuq imsemmija proprjeta' tas-socjetajiet konvenuti kienu gew debitament imdahhla mill-istess socjetajiet konvenuti mas-socjeta' attrici, bhala 'Shipowners' Protection and Indemnity Association', ghas-snin 1996/1997, 1997/1998 u 1998/1999 skond il-kopji "Duplicate" tas-"Certificates of Entry" relattivi hawn annessi u immarkati bhala Dokumenti “C1 - C3” u "C4 - C6" rispettivament), il-

bastiment "ROYAL HAWK" entrat taht Class I (Protection and Indemnity) u Class II (Freight, Demurrage and Defence) filwaqt illi l-bastiment "PHILEAS" entrat taht Class I (Protection and Indemnity);

Illi mar-registrazzjoni tal-bastimenti merkantili fuq imsemmija taghhom mas-socjeta' attrici s-socjetajiet konvenuti kienu ssiehbu bhala membri tal-istess assocjazzjoni attrici u accettaw li jintrabtu sew bil-"Memorandum and Articles of Association" kif ukoll bir-"Rules" tal-istess assocjazzjoni attrici (Dokument "E");

Illi fil-waqt opportun immexxija ossia taht il-management tas-socjeta estera Eurotank Maritime Management;

Illi l-bastimenti merkantili fuq imsemmija kienu gew hekk imdahhla mis-socjetajiet konvenuti mas-socjeta attrici bhala "fleet entry" skond ir-"Rules" tal-istess socjeta' attrici;

Illi *ai termini* tar-"Rules" tas-socjeta attrici, is-socjetajiet konvenuti huma responsabbli lejn l-istess socjeta attrici solidalment flimkien ghall-"Calls" kollha maghmula minn zmien ghal zmien mill-istess socjeta attrici in konnessjoni mal-fuq imsemmija bastimenti merkantili;

Illi s-socjetajiet konvenuti ghandhom jaghtu lis-socjeta attrici estera, in solidum bejniethom, is-somma komplessiva ta' tlett mija erba' u hamsin elf tmien mija u tmienja u erbghin Dollaru Amerikan u disa' u sebghin centezmu (USD354,848.79), fl-ekwivalent taghha dina s-somma f'liri Maltin skond ir-rata tal-kambju prevalenti fid-data tal-eventwali sentenza li ghandha tigi moghtija minn dina l-Onorabbli Qorti *ai termini* tad-domandi sussegwenti, oltre imghaxijiet mill-15 ta' Frar 1999 sal-hlas effettiv, u dana skond Manager Statement ossia Prospett datat 15 ta' Frar 1999 hawn anness u mmarkat bhala Dokument "B", u dana in linea ta' diversi "Calls" maghmula mis-socjeta' attrici ai termini tal-istatut u r-"Rules" tas-socjeta' attrici kif dettaljati ahjar fid-Debit Notes hawn annessi u mmarkati bhala Dokumenti "D1 - D21", kif jigi wkoll ippruvat ahjar filwaqt it-trattazzjoni tal-kawza;

Illi nonostante illi s-socjetajiet konvenuti kienu gew debitament interpellati diversi drabi mis-socjeta' attrici sabiex jaddivjenu ghall-pagament, huma baqghu ghal kollox inadempjenti;

L-istess attur nomine talab li ghalhekk il-konvenuti nomine jghidu ghaliex, ghar-ragunijiet premessi:

1. M'ghandhomx is-socjetajiet konvenuti jigu ikkundannati minn dina l-Onorabbli Qorti, in solidum bejniethom, sabiex ihallsu lis-socjeta' attrici s-somma ta' tlett mija erba' u hamsin elf tmien mija u tmienja u erbghin Dollaru Amerikan

u disa' u sebghin centezmi (USD354,848.79), fl-ekwivalent taghha dina s-somma f'Iiri Maltin skond ir-rata tal-kambju prevalenti fid-data tal-eventwali sentenza li ghandha tigi moghtija minn dina l-Onorabbli Qorti *ai termini* ta' dina d-domanda, oltre imghaxijiet mill-15 ta' Frar 1999 sal-hlas effettiv, u dana import ta' diversi "Calls" maghmula mis-socjeta' attrici *ai termini* tal-istatut u r-regoli tas-socjeta' attrici, bl-imghaxijiet legali mill-15 ta' Frar 1999 sal-hlas effettiv.

BI-ispejjes kontra I-konvenuti nomine li minn issa stess huma ingjunti sabiex jidhru ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol 3 sa 5 tal-process;

Rat il-lista tax-xhieda u d-dokumenti esebiti a fol 6 sa 78 tal-process;

Rat id-digriet tal-Qorti tat-23 ta' Marzu 2000 fejn Dr Vincent Galea u l-PL Hilda Ellul Mercer gew mahtura bhala kuraturi deputati biex jirrappresentaw lill-kumpaniji intimati Marine Petroleum Services Ltd u Costamar Shipping Co Ltd a fol 80 tal-process.
Rat illi c-citazzjoni giet debitament notifikata lil kuraturi deputati li pprezentaw nota ta' eccezzjonijiet a fol 95 tal-process fejn eccepew:-

1. Illi preliminarjament l-attur nomine irid jipprova l-mandat tieghu.

2. Illi fit-tieni lok, huma ma humiex edotti mill-fatti tal-kaz u ghalhekk jirriservaw minn issa d-dritt taghhom li jressqu dawk l-eccezzjonijiet opportuni fi stadju ulterjuri.

3. Salv' eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni tal-istess kuraturi deputati a fol 96 tal-process.

Rat il-verbali tad-9 ta' Gunju 2000 u tas-6 ta' Lulju 2000 fejn Dr Suzanne Shaw esebiet nota b'dokumenti relattivi, b'kopja lid-difensur tal-kontroparti u bil-gurament taghha kkonfermat li l-ammont ghadu kollu dovut. Il-kawza giet differita ghall-provi kollha tal-konvenut ghat-2 ta' Novembru 2000.

Rat il-verbal tat-2 ta' Novembru 2000 fejn il-kuratur deputat informa l-Qorti li kkomunika ma l-assenti f'Settembru u sallum ma rcieva ebda komunikazzjoni. Dr V Galea bhala kuratur talab sabiex ikun jista' jibghat ittra registrata lill-assenti barra minn Malta biex jivverifika jekk attwalment waslux id-dokumentazzjoni minnu mibghuta. Ghal dan il-ghan talab differiment qasir. Il-Qorti cahdet it-talba stante li l-kuratur deputat kien ilu jaf bl-istess dokumenti sa mis-6 ta' Lulju 2000 kif jirrizulta mill-verbal tal-istess seduta u minn Settembru sallum kellu cans aktar minn bizzejjed biex jaghmel il-verifiki tieghu aktar w aktar meta kien jaf li s-seduta tallum kienet ghall-provi kollha tieghu. Dr Galea ddikjara li in vista ta' dak li vverbalizza

m'ghandux provi izjed. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghas-16 ta' Jannar 2000.

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li l-allegazzjonijiet attrici, a fini ta' din il-kawza, gew ilkoll ippruvati kemm bil-kontenut tad-dikjarazzjoni guramentata, kif ukoll bid-dokumenti ezebiti, u inoltre l-istess allegazzjonijiet ma gew bl-ebda mod kontradetti u ghalhekk it-talbiet dedotti fic-citazzjoni ghandhom jigu milqugha.

Illi *di piu`* l-konvenuti nonostante li kienu ilhom notifikati tramite l-kuraturi deputati mit-12 ta' Mejju 2000, naqsu li jressqu l-provi taghhom apparti l-fatt li l-socjetajiet konvenuti ma kkomunikaw xejn mal-kuraturi deputati sabiex iressqu xi forma ta' difiza, u ghalhekk l-allegazzjonijiet attrici, korroborati bid-dokumenti kollha minnhom ezebiti, inkluz il-prokura jew mandat a fol 8 tal-process, ma gew bl-ebda mod ikkontestati u ghalhekk l-eccezzjonijiet tal-konvenuti fl-istat li huma ghandhom jigu michuda.

## III. KONKLUZZJONI.

Illi ghalhekk, ghal dawn il-motivi, din il-Qorti **taqta' u tiddeciedi** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tas-

socjeta` konvenuta, **tilqa` t-talba attrici** kif dedotta fic-citazzjoni b'dan li:

1. Tikkundanna lis-socjetajiet konvenuti, in solidum bejniethom, ihallsu lis-socjeta' attrici s-somma ta' tlett mija erba' u hamsin elf tmien mija u tmienja u erbghin Dollaru Amerikan u disa' u sebghin centezmi (USD354,848.79), fl-ekwivalent taghha dina s-somma f'liri Maltin skond ir-rata tal-kambju prevalenti fid-data ta' din is-sentenza bl- imghaxijiet mill-15 ta' Frar 1999 sal-hlas effettiv, u dana import ta' diversi "Calls" maghmula mis-socjeta' attrici *ai termini* tal-istatut u r-regoli tas-socjeta' attrici.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti nomine.

**Moqrija.**

**Onor. Raymond C. Pace LL.D.**
**16 ta' Jannar 2001**

**Josette Demicoli**
**Deputat Registratur.**
**16 ta' Jannar 2001**